MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Numru 346/2010

Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Bondin)

vs

Giuseppe Puglisi

Il-Qorti:

L-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, ta' nazjonalita' Taljana u detentur ta' karta ta' identita' Maltija numru 16895A, jakkuzawh talli:

1. nhar it-2 ta' April 2010 ghal habta tas-siegha neqsin tnax il-minuta ta' filghodu gewwa l-fond "The Cork", Triq

San Gorg, San Giljan, b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil persuna mhux maghrufa biex tikkommetti serq ta’ “laptop” tad-ditta “Gateway”, ghad-detriment ta’ Tony George Bensin, liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil-hin;

2. wettaq ir-reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar is-7 ta’ Novembru 2008 moghtija mill-Magistrat Dr A.G Vella, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3. irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Is-serq li ghalih tirreferi l-akkuza u li fih l-imputat hu akkuzat bhala komplici gara gewwa l-lokal maghruf bhala “The Cork” f’Triq San Gorg, San Giljan, fil-hinijiet bikrin ta’ filghodu tat-2 ta’ April 2010. Dan is-serq sar fuq “laptop” ghad-dannu ta’ certu Bensin li fil-hin in kwistjoni u waqt li kien ittermina xoghlu ta’ komprimarju fl-imsemmi lokal kien qabel ma telaq mar jassisti fir-rimozzjoni ta’ xi ekwipaggjament li ntuza u waqt li halla l-gaketta flimkien mal-“laptop” in kwistjoni fuq mejda, dan ta’ l-ahhar ma sabux hekk kif mar biex jitlaq. Issa, l-imputat innega sa mill-bidu li hu kellu x’jaqsam fis-serq tal-“laptop” fattur dan li din il-Qorti m’hiex qed taghtih kredibilita’. Mill-provi

m'ghandux ikun hemm l-icken dubbju li l-imputat flimkien mal-habib tieghu kien fil-hin li safa' nieqes il-laptop, appena dahal fil-lokal, li f'dak il-hin kien prattikament vojt, u minn fotogramma specifika esebita, fost ohrajn, jidher jjipponta subajh lejn il-"laptop" b'siehbu précis warajh. Dan ta' l-ahhar fl-istess hin u bl-imputat ftit passi l-boghod jidher jahtaf il-laptop u jimxi oppost ghad-direzzjoni li kien ha l-imputat. Fuq daqshekk biss din il-Qorti m'ghandhiex dubbju fuq ir-reita' tal-imputat ghall-imputazzjoni ta' komplicita' fis-serq.

Fil-konfront tat-tieni akkuza din tinsab esawrita stante verbal kompartecipi il-prosekuzzjoni registrat fl'udjenza tat-23 ta' Mejju 2011.

Dwar it-tielet, tirrizulta fuq skorta ta' verbal tal-imputat tal-21 ta' April 2010.

Inghad dan,u wara li rat l-Artikolu 42(d), 43, 46, 261(c)(f), 267, 271, 279(a), 280(1), 49,50 u 31 tal-Kap 9, tikkundannah sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------